# MINUTI

## Laqgha tal-Kunsill Lokali ta' Ta' Xbiex

# IT-TMIEN LEGISLATURA

## Laqgha Numru 39

**20 ta' Mejju 2022**

**Il-Kunsill Lokali ta' Ta' Xbiex iltaqa' fl-Ufficcju Amministrattiv tieghu li jinsab fl-indirizz *Highrise Apartments* Triq l-Imradd Ta' Xbiex XBX1150, fil-hamsa u nofs ta' filghaxija.**

**PREZENTI:**

Max Zammit - Sindku
Ronald Portelli – Kunsillier
Louise Cachia Castelletti – Kunsillier
Eugenio Muscat – Kunsillier

**ASSENTI B'APOLOGIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):**
Oriana Calleja – Vici Sindku

**UFFICCJAL PREZENTI:**

Yasmine Tonna – Segretarju Ezekuttiv

Local Government of Ta' Xbiex, Triq l-Imradd, Ta' Xbiex, MALTA, EUROPE
Tel:00356 21338844  Fax: 00356 21338877 email: taxbiex.lc@gov.mt

## Minuti

Is-Sindku Max Zammit ippresjeda l-laqgha.

## 39.1 Qari ta' ittri ta' apologiji;

39.1.1 Is-Segretarju Ezekuttiv qrat l-ittra ta' apologija tal- Vici Sindku li ma settatx tattendi ghal-laqgha minhabba raguni ta' safar fuq xoghol.

## 39.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

39.2.1 Il-Minuti gew mressqa mis-Sindku ghall-approvazzjoni.

Ma kinx hemm korrezzjoni.

## 39.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda tal-Pagamenti;

39.3.1 Is-Sindku Max Zammit ressaq ghall-attenzjoni tal-Kunsill il-lista tal-pagamenti, dokumenti li kienu ccirkulati u li ttiehdu bhala moqrija u wara ppropona l-approvazzjoni tal-pagamenti. Saret spjega tal-pagamenti mressqa u wara l-Kunsillier Ronnie Portelli ppropona l-approvazzjoni tal-pagamenti kollha. Il-Kunsillier Eugenio Muscat issekonda.

Il-Kunsill unanimament approva l-pagamenti kollha.

## 39.4 Komunikazzjoni mis-Sindku;

39.4.1 Is-Sindku Max Zammit infurma lill-Kunsilliera li kien hemm xi dewmien min naha tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali biex nircievu l-approvazzjoni tar-rikjesta biex jinhareg tender iehor ghal xiri ta' smart bins gewwa Triq Abate Rigord. Huwa qal li peress li xahar biss ghandna cans biex nimplementaw dan il-progett, ssuggerrixxa li nitolbu lill-Ministru ghal Direct Order biex nilhqu maz-zmien u l-fondi tan-Norwegian Funds ma jintilfux.

Il-Kunsill qabel unanimament.

39.4.2 Is-Sindku Max Zammit qal li huwa kellu laqgha mal-Perit responsabli u fehmu ahjar kif gej il-progett. Huwa talbu biex jaghmel prezentazzjoni tal-progett lill-Kunsill biex wara jkun hemm decizjoni tal-kunsill ghandux joggezjona jew le.

Il-Kunsillier Eugenio Muscat issuggerrixxa ukoll li nistiednu dawk ir-residenti li se taffetwahom.

Il-Kunsill qabel li l-ewwel issir laqgha bejn il-Perit u l-Kunsill u wara niddiskutu hekk ghandniex naghmlu laqgha ohra mar-residenti tal-vicinanza ta' dan il-progett.

39.4.3 Is-Sindku qal li l-kuntrattur Ivan Stivala li qed jibni fi Triq Testaferrata, qallu li gie mitlub min naha tal-Awtorita’ tal-Ipjanar li jew jaghmel zebra crossing fi Triq Testaferrata u ohra fi Triq Enrico Mizzi jew nkella bankina temporanja madwar il-binja.

Il-Kunsill qabel unanimament li ssir zebra crossing fi Triq Testaferrata u ohra fi Triq Enrico Mizzi ghax jemnu li dejjem kien hemm bzonn wahda fi Triq Testaferrata.

39.4.4 Is-Sindku qal li l-istess kuntrattur saqsieh hekk il-Kunsill jsibx oggezzjoni li t-triq ta’ fejn hemm il-garaxxijiet jaghmielha “crazy pavement” biex jaghti dehra isbah mill-madwar u hekk ikun hemm bzonn xi manutenzjoni ta’ dan il-pavament ikun responsabli tieghu huwa.

Il-Kunsill qabel unanimament.

39.4.5 Is-Sindku qal li harget skema SPI/SCI/5/2022 minn naha tad-DLG fejn nistghu napplikaw ghal fondi biex issiru xoghlijiet ta’ manutenzjoni fuq funtani fil-lokalitajiet f’Malta u Ghawdex.

Il-Kunsill qabel li ghandna napplikaw biex induru l-funtana tat-tmun li tinsab fit-triq Principessa Margerita.

39.4.6 Is-Sindku Max Zammit qal li rcevejna rikjesta mil-kumpanija Continental Cars biex napplikaw ghal disabled bay komuni fi Triq Testaferrata minhabba li hemm impjegata bi bzonnijiet specjali u qed issib diffikulta’ ghal parkegg.

Il-kunsill qabel unanimament.

## 39.5 *Connecting Through Culture Event*;

39.5.1 Il-Kunsillier Louise Cachia Castelletti qalet li ghamlet draft tal-ittri li rridu nibghatu lill-Ambaxxaturi biex jippartecipaw fl-event u tal-isponsors. Hija qalet li fil-jiem li gejjien se tkun tista tibghathomlna.

39.5.2 Is-Sindku propona li din is-sena nippruvaw li naghmluha bejn il-Waterpolo club u l-Royal Malta Yacht Club. Fil-fehma tieghu b’hekk inkunu qed innaqsu milli niehdu parkegg ta’ karozzi u xi vanataggi ohra li jara huwa, peress li f’din l-area nfethu hafna restoranti godda li dawn qed jattiraw hafna nies barra mil-lokalita’. Vantagg iehor ghandna ukoll il-Belvedere fejn wiehed jista japrezza l-veduta li hemm. Fl-istess hin inkunu qed noholqu kuncett gdid fejn naghmlu avvenimenti fit-toroq.

Il-Kunsill qabel mal-post fejn ippropona s-Sindku. Il-Kunsillier Eugenio Muscat qal li important nduru l-hofor li hemm taht il-bankina fejn jipparkjaw il-karozzi.

Il-Kunsillier Ronald Portelli qal li huwa jaqbel izda rridu noqodu attenti minhabba l-hinijiet. Ghaldaqstant gie deciz li tinghalaq mil-Gimgha wara nofsinhar u terga tinfetah is-Sibt wara li tispicca l-attivita’. Huwa gibed l-attenzjoni ukoll li forsi jaf tkun naqa problema ghal anzjani biex jattendu peress li qed ntawlu t-triq. Is-Sindku Max Zammit fakkar li nistghu nofru s-servizza tal-van bhal ma konna ghamilna fis-snin ta’ qabel.

Il-Kunsill qabel unanimament li ghandna nofru s-servizz bil-van mid-dar ghal fejn se tkun l-attivita’ u nirriklamawa fuq il-poster.

39.5.3 Is-Sindku Max Zammit qal li tajjeb nikkunsidraw li naghmlu l-palk fuq il-Belvedere. Il-Kunsillier Louise Cachia Castelletti taqbel u fl-opinjoni taghha jsir iehor. Is-Sindku qabel ma din il-proposta u qal li anke forsi tajjeb li nikkunsidraw li naghmlu area ohra ghat-tfal.

Is-Sindku fakkar li hemm veduta ohra mill-aqwa mir-roof top tar-Royal Malta Yacht club. Il-Kunsill qabel li ghandna nghidulhom biex ghal dak inhar ikun hemm access ghalieh.

39.5.4 Il-Kunsiller Eugenio Muscat qal li din id-darba ghandna ninvestu f'artisti/baned tajbin.

Il-Kunsill qabel.

39.5.5 Is-Sindku Max Zammit qal ukoll li r-Regjun Lvant ghandu "Cultural Officer" li hija gradwada b'esperjenza li jemmen ukoll li tista tghina biex ntellaw din l-attivita'.

Il-Kunsill qabel li nitolbu l-ghajnuna taghha biex ntellaw din l-event.

## 39.6 ***Jum Ta' Xbiex***;

39.6.1 Is-Sindku Max Zammit xtaq issaqsi hekk din is-sena hux se naghmlu riceviment bhas-snin ta' qabel.

Il-Kunsill qabel unanimament.

39.6.2 Is-Sindku fakkar li rridu nippreparraw ukoll il-poster tal-Jum Ta' Xbiex u nimpustawhom bieb, bieb.

Huwa fakkar ukoll li qabel ma bdiet din il-pandemija l-Kunsill kien qabel li huwa ghandu jaghzel il-persuni li jinghata Gieh Ta' Xbiex.

Il-Kunsill qabel.

39.6.3 Il-Kunsill qabel unanimament li ghal din is-sena ghandu jinghata lill-Ex Kunsillier Frank Roe li zgur hadem hafna ghal-lokalita' ta' Ta' Xbiex u lis-Sinjura Marie Louise Coleiro Preca bhala Emeritus President u li tixtieq tibqa Ambaxxatrici ta' din il-Connecting through Culture Event.

Il-Kunsill qabel unanimament.

## 39.7 ***Reverse Vending Machine***;

39.7.1 Is-Sindku Max Zammit spjega li dawn huma dawk il-magni li jitfghu l-flixken tal-plastik u jaghtu lura fvouchers. Huwa qal li l-Kunsill ircieva e-mail minghand kumpanija privata, fejn qed jipproponu fejn jistghu jinstallaw il-magna. Il-post propost huwa wara binja ta' Stationery in-naha tal-bini tal-Gvern fi Triq il-Halg.

Il-Kunsill qabel ma dan il-post li gie issuggerriet izda huwa importanti li nizguraw li ma taghmilx storbju minhabba li se tkun vicin ir-residenti.

## 39.8 Twegibiet ghall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera;

39.8.1 Il-Kunsillier Eugenio Muscat saqsa fiex wasalna rigward il-konkos li ghandu jsir taht il-bankina fi Triq Giuseppe Cali.

Is-Segretarju Ezekuttiv qalet li kienet ltaqet mal-Kunsillier tal-Imsida kif ukoll mal-kuntrattur responsabli u l-konkluzjoni kienet li l-kuntrattur kellu jiccekja mal-Awtorita' tal-Ipjanar minhabba li huwa hareg xi flus ghax-xoghlijiet tat-toroq.

Is-Segretarju Ezekuttiv qaltlu li se tkun qed tkomplli tigri warajhom halli dan ix-xoghol issir mil-iktar fiss possibli.

39.8.2 Il-Kunsillier Louise Cachia Castelletti saqsiet kif bqajna mal-kuntrattur li jiehu hsieb il-gonna u xtaqet ticcekja hekk baghtnilux li l-Kunsill mhux kuntent bis-servizz li qed jaghtina.
Is-Segretarju Ezekuttiv qalet li rciviet invoice biex jithallas izda qabel ma jibghatielha invoice ddettalja mhux qed tkun qed taghddi l-pagament ghal approvazzjoni tal-kunsill. Hija qalet ukoll li qed tibghat ta' sikwiet lill-iskrivan Liam Sciberras jiehu ritratti tax-xoghlijiet li mhux qed issir biex jkollha bazi fuq xiex tkun tista tkelmu.

## 39.9 Items ohra ta' xoghol iehor tal-Kunsill Lokali li jkunu mehtiega;

39.9.1 Il-Kunsillier Eugenio Muscat qal li qed ikun hawn abbuz tal-ispecial permit, ghaldaqstant huwa jissugerrixxi dawk li ghandna suspett fuqhom naghmluhom nota mal-windscreen biex jigu sal-Kunsill u naraw hekk dawn hux vera ghandhomx kaz genwien jew le.

Il-Kunsill qabel.

39.9.2 Il-Kunsillier Eugenio Muscat jissuggerrixxi li naghmlu *sleeping policeman* tar-*rubber* quddiem l-Atlas Triq ix-Xatt minhabba li l-karrozzi qed ittellaw velocita' kbira, peress li t-triq hija wiesgha u dritta.

Il-Kunsill qabel

## 39.10 Rapporti mill-Kunsilliera;

39.10.1 Il-Kunsillier Eugenio Muscat qal li hemm bzonn naplikaw ghat-*traffic lights* fi Triq Testaferratta minhabba li din hija triq traffikuza hafna u hija perikoluza biex wiehed ikun jista jaqsam.

Is-Sindku Max Zammit qal li Transport Malta kienu infurmawna li hekk ssirru t-t*raffic lights* se nkunu qed noholqu iktar traffiku izda la qed jahsbu li ikun hemm hafna nies li jkollhom bzonn jaqsmu, jaqbel li ghandna nergu nippruvaw napplikaw u hekk jinhareg il-permess mit-Transport Malta ghandna mmexxu.

Il-Kunsill qabel unanimament.

## 39.11 Tmiem tal-laqgha u data tas-Seduta li jmiss;

39.11.1 Il-laqgha li jmiss ha ssir il-Gimgha 20 ta' Mejju, 2022 fil- hamsa u nofs ta' filghaxija.

Il-laqgha intemmet fit-tminja  ta' filghaxija

Konfermati llum l-Gimgha 29 t’ April, 2022.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| ___________________ | ___________________ |
| Max Zammit | Yasmine Tonna |
| Sindku | Segretarju Ezekuttiv |

**x**